D

**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Mejju, 2025

Rikors Ġuramentat: 106/19AL

**A B**
K.I. 26579(M)

**vs.**

**C B**
K.I. 14120(A)

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru 2173/1995)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

*1. Illi l-kontendenti iżżewġu nhar il-hmistax ta' Dicembru tas-sena elf disa mija hamsa u disghin (15.12.1995), minn liema zwieg kellhom erba t'itfal u cioe' D E li twieldet fil-ghoxrin ta' Marzu tas-sena elf disgha mija sitta u disghin (20.03.1996) u għalhekk ghandha tlieta u ghoxrin (23) sena li illum il-gurnata ma għadhiex studenta u qegħda tghix ghar-rasha; G H li twieldet fit-tlettin ta' Gunju tas-sena elfejn (30.06.2000) u għalhekk ghandha tmintax (18)-il sena u prezentement qegħda tahdem fuq bazi full time, F li twieled fit-18 ta' Settembru elfejn u sitta (18.09.2006) u għalhekk ghandu tnax (12)-il sena u għadu minuri u I li twieldet fis-sitta u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (26.02.2009) u ghandha disa (9) snin u għalhekk ghadha minuri;*

*2. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba adulterju, abbuż, vjolenza, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet oħra, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;*

*3. Illi l-konvenut kien abbusiv fil-konfront tat-tfal u anke kien vjolenti fizikament fil-konfront tal-minuri F;*

*4. Illi l-konvenut ghandu l-vizzju tax-xorb u abbuz ta' droga marujana u dan kien jabbuzza minnhom fid-dar matrimonjali u anke fil-presenza tat-tfal;*

*5. Illi għalhekk, hija kemm-il darba kienet kosretta tipproċedi fil-konfront tiegħu billi intavolat rikors urgenti sabiex jiġu regolati dak kollu li jaspetta l-minuri kif ukoll sabiex il- konvenut jiġi ordnat jivvaka d-dar matrimonjali għas-sigurtà tagħha u tal-minuri;*

*6. Illi hija ġiet debitament awtorizzata sabiex tipproċedi f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 26 ta' Frar 2019 (ara Dok. A);*

*7. Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom adulterju, vjolenza, theddid, ingurji gravi, sevizzi u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti kellha titlob l-għajnuna tal-pulizija;*

*2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F B u I B f'idejn l-esponenti; u sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri, u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Tordna li l-imsemmija minuri jirresjedu esklussivament mal-esponenti;*

*4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u ghall-minuri tal-partijiet, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jaghlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeciedu li jibqgħu jistudjaw kemm part-time kif ukoll full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol, jew kwalunkwe benefiċċju li qed jippercepixxi l-konvenut, u jiġu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;*

*5. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri sakemm ikunu ghadhom qed jistudjaw; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni;*

*6. Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri F B u I B, fosthom, iżda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaport għandu jinżamm mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u oppotun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;*

*7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

*8. Tordna lill-konvenut ihallas l-arretrati ta' manteniment u ta' spejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;*

*9. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundEa lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha jew kwalunkwe kreditu ieħor, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l- Onorabbli Qorti.*

*10. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*11. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew in parte d-*

*disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*12. Tordna li l-esponenti u uliedhom H B u I B jibqgħu jirresjedu waħedom fid-dar matrimonjali, li tinstab ġewwa, ad eżkluzjoni tal-konvenut; b'dan illi l-esponenti tkun tista' tbiddel is-seratura tal-istess fond;*

*13. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru 1016/18;*

*14. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz l-proċeduri ta' medjazzjoni, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] fejn eċċepixxa illi:

*1.Illi ghall-kuntrarju ta' dak li nghad mir-rikorrenti l-hajja konjugali bejn il-partijiet ma ghadhiex iktar possibbli minhabba adulterju, abbuzi varji, vjolenza, eccessi, minacci, sevizzji, theddid u offizi gravi da parti tal-imsemmija rikorrenti u mhux tal-intimat.*

*2.Illi mhux minnu li l-esponenti kien b'xi mod abbuziv jew kkomporta ruhu hazin fil-konfront tal-ulied.*

*3.Illi ma huwiex minnu li l-esponenti ghandu l-vizzji tax-xorb u tad-droga kif allegat zbaljatament mill-imsemmija rikorrenti.*

---

[2] Fol. 44.

*4.Illi kwantu ghall-ewwel talba s-separazzjoni personali ghalhekk ghandha tigi pronunzjata pero mhux minhabba tortijiet imputabbli lill-esponenti imma lill-imsemmija rikorrenti.*

*5. Illi ghalhekk kwantu ghat-tieni talba l-esponenti jopponi li l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri jigu esklussivamnet f'idejn r-rikorrenti u l-imsemmija ghandhom jibqu f'idejn t-tnejn.*

*6. Illi kwantu ghat-tielet talba l-esponenti ma ghandux oggezzjoni li dawn jirresjedu mar-rikorrenti b'dan pero' li jinghata access skont kif tistabilixxi din l-Qorti sabiex jkun jistgha jarhom.*

*7.Illi kwantu ghar-raba, l-hames, s-sebgha u t-tmien talba l-esponenti diga qieghed jghaddi retta alimentari ta' erbgha erbgha mitt ewro (€400) kull xahar mhalsa direttament minghajr komplikazzjonijiet u ghalhekk ma ghandux jkun hemm tibdil.*

*8.Illi kwantu ghas-sitt talba l-esponenti ma ghandux diffikulta li din l-Qorti Onorabbli taghti l-provedimenti opportuni dwar l-kwisitjonijiet hemm indikati wara li tismgha l-partijiet.*

*9.Illi kwantu ghad-disa, l-ghaxar u t-tnax il-talba l-esponenti jirrileva li ghandu jkun hemm l-likwidazzjoni divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u ghalhekk d-dar matrimonjali ma tibqax hekk u tigi sussegwentement mibjugha.*

*10. Illi ghar-rigward il-hdax il-talba l-esponenti joggezjona ghaliha billi ma hemmx lok ghad-dekadenza tieghu ai termini tal-artikoli citati mir-rikorrenti.*

*11. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru 2173/1995;[3]

Rat id-digriet tas-26 ta' Frar 2019[4] li bih il-Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni hija magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru 2019[5] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Maria Dolores Gauci bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża u l-verbal tal-14 ta' Mejju 2024[6] fejn il-Qorti irrevokat l-inkarigu tagħha peress li din irtirat u ssositwietha b'Dr Sean Apap Meli li kellu jisma' biss il-kontro-eżamijiet;

Rat is-sentenza mogħtija fil-21 ta' Novembru 2019, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi u *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

[3] Fol. 2265.
[4] Fol. 7.
[5] Fol. 49.
[6] Fol. 2675.
[7] Fol. 6722.

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara l-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom minħabba raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom adulterju, vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċji li rrendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet imporssibli.  Magħdud ma' dan, l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F u I B f'idejha. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna fejn hija titlob illi l-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ minħabba raġunijiet rikonoxxuti mil-Liġi;

2. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, u l-manteniment, inkluż arretrati għall-minuri F u I B filwaqt li tordna li dawn jirrisjedu esklussivament magħha;

3. Tiddikjara liem huma l-beni dotali u/jew parafernali tagħha u tordna r-restituzzjoni tagħhom;

4. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 *Inoltre*, titlob li l-Qorti tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attriċi;

5. Tawtorizża lill-attriċi sabiex tgħix fid-dar matrimonjali flimkien ma' wliedhom F u I B ad esklużjoni tal-konvenut, b'dan illi hi tkun tista' tbiddel is-serratura tal-istess fond.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li jiddikjara l-qbil tiegħu mat-talba għas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attriċi u joġġezzjona

għall-maġġoranza tat-talbiet fosthom, ir-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ, l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, l-għoti tal-kura u kustodja tal-minorenni lill-attriċi, id-dritt tal-attriċi li tirrisjedi fid-dar matrimonjali u r-radd lura tal-beni parafernali lill-attriċi. Huwa jirrileva li għandu jkun hemm il-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, talba li l-attriċi ma resqitx fir-rikors promotur tagħha, iżda l-Qorti tirrileva li ma jressaqx kontro-talba, u b'hekk formalment ma jitlobx il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenut fuq it-tifrik taż-żwieġ:*

L-attriċi tixhed fuq dan il-punt permezz ta' affidavit ppreżentat waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2020.[8] Hija tgħid li tgħarrset mal-konvenut fl-1994. Dak iż-żmien tgħid li kien jagħmel użu mill-marjuwana u li kienu ftehmu li jibda jnaqqas bil-mod milli jpejjep sakemm jaqtagħha. Dak iż-żmien tgħid li l-attitudni tiegħu kienet tajba. Madanakollu kienet tirċievi telefonati, li hi tgħid li dak iż-żmien injorat, fejn kienu jgħidulha li l-konvenut kien qed jibdilha ma' ħaddieħor.

Tgħid li nqabdet tqila b'D fl-1995 u omm il-konvenut qaltilhom biex jiżżewġu u offriet li tħallas kollox hi u fil-fatt iżżewwġu fil-15 ta' Diċembru 1995. Tgħid li kienet marret toqgħod mal-familja tal-konvenut u bdiet issib affarijiet bħal kontraċettivi, *lipsticks* u affarijiet tax-xagħar li ma kienux tagħha. Meta kienet tikkonfrontah tgħid li ma kien jgħid xejn u jibda jonfoħ u ommu taqbeż għalih. Tgħid li wara li twieldet it-tifla l-affarijiet marru għall-agħar u telqet għand ommha bit-tifla wara li sabitlu biċċa blokka wara argument.

---

[8] Fol. 1753.

Sakemm kienu joqgħodu għand ommha tgħid li ċertu ġranet il-konvenut kien jaħdem sas-2am iżda mbagħad kien jibqa' ħiereġ ma' sħabu sa filgħodu. Meta jirritorna ġieli kien ikollu riħa ta' xorb u jigdimha ġo wiċċha u jgħidilha li hu d-dimonju. Tispjega li hi kienet taħdem bix-*shift* u żmien wara saret taf li kien isakkar il-kamra u jaqbeż mit-tieqa biex il-familjari ma jindunawx li jkun telaq, u jagħmel lejl barra. Meta t-tifla kienet tqum għall-*bottle*, kienu jsibu l-bieb imsakkar bil-pum magħluq miż-żewġ naħat.

Tispjega kemm kien jixrob u kif kien jgħid affarijiet personali ta' bejniethom quddiem familjari u jirridikolaha. Tirrakkonta kif meta t-tifla kellha tliet (3) snin kienu marru joqgħodu ġo flat Marsascala u hemm kien daħal lura fis-sakra darba minnhom u qabad itiha bil-ponn u benġilha, tant li meta nduna x'għamel ħasilha fil-banju hu stess u nofsiegħha wara, muġugħa kif kienet kellha tmur għax-xogħol. Tkompli fuq iktar drabi meta kien xorob u sawwatha, tant li darba kellha seba' (7) xhur tqala bit-tifla G u kienu qiegħdin għand ommha u l-konvenut ried joħroġ ma' sieħbu *f'nightclub* u meta qaltlu biex minflok imorru d-dar, tgħid li taha daqqa ta' ponn ġo wiċċha u kissrilha s-snien ta' isfel. Kienet daħlet l-isptar għaliex anke rat id-demm. Dakinhar hu xorta ħareġ. Sadanittant tgħid li baqgħet issib affarijiet li kienu juru li kien jitradiha ma' nisa oħra. Tgħid li anke D u G kienu sabulu messaġġi mingħand nisa oħra u tgħid li darba ammetta mat-tifla D u ħabiba tagħha li qed jaqlibielha.

Tgħid li wara li twieldet G fit-13 ta' Ġunju 2000, bdiet tieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji ta' bejniethom hi u b'hekk xtraw karozza ġdida u post Santa Luċija, fejn marru joqgħodu. Tispjega li darba anke sabitlu marki ta' natura sesswali fuq għonqu u meta kkonfrontatu refa jdejh fuqha u kisser affarijiet fid-dar u anke kellha tistaħba minnu. Tgħid li t-tfal kemm-il darba ħaduha miegħu biex ma jmissiex. Tirrakkonta kif anke ma' ħabiba ta' D saret taf li kien imur u darba meta din il-ħabiba kellha tmur torqod għandhom, il-konvenut mar għaliha u qatt ma spiċċaw marru jorqdu d-dar għaliex għamlu lejl fil-

karozza flimkien. Tgħid li dan kollu saret taf bih meta bdiet tissepara. Tkompli li kien ikollha diversi telefonati fejn jgħidulha li hu qed jaqlibielha. Minn naħa l-oħra tgħid li filwaqt li hu kien joħroġ ma' sħabu tax-xogħol u jirritorna filgħodu fis-sakra, lilha allaħares jaraha titkellem ma' raġel. Tgħid li kien jaqbadha minn idha bis-saħħa u jitfagħha f'kantuniera u jheżżes sninu u jsaqsiha għalfejn qed ikellmuha u jekk raqditx magħhom u jheddidha li ħa jħalliha warajh jew isuq b'veloċità kbira lejn id-dar. Tispjega li waqt li kien ikun qed isuq kien ikun iridha tagħmel sess orali miegħu u meta hi tirrifjuta jintefa f'baħar ta' tgħajjir u offiżi. Darba kienet anke ttiħditlu l-liċenzja fuq sewqan perikoluż.

Tgħid li l-adulterju u x-xorb komplew jiżdiedu u d-dar ma kien jgħin bl-ebda mod, lanqas jikkoreġi lit-tfal. Kien jgħidilha li anke jagħmel użu mill-kokajina. Tgħid li lit-tfal rabbiethom weħedha u kienet ukoll taħdem, tagħmel l-affarijiet tad-dar, u tieħu ħsieb l-affarijiet tal-bank, *loans*, *insurances*, karozzi, kontijiet *etc*. Qatt ma kien ikun preżenti għall-attivitajiet tat-tfal u kienet tmur weħedha u tibgħatlu l-filmati. It-tfal kienu jbatu minn xi kundizzjonijiet mediċi u dejjem hi kienet teħodhom l-isptar u lanqas biss kien jistaqsi kif marru jew x'qalilhom it-tabib. Tgħid li anke hi kienet tkun spiss rekoverata l-isptar ħabba l-ġebla u tgħid li qatt ma mar magħha, kif anke ma kienx imur magħha għall-*ultrasounds* tat-tfal meta kienu trabi fil-ġuf. Tgħid li minn naħa l-oħra hi kienet tassistih f'kull ma kien jiġrilu.

Tispjega li fl-aħħar sentejn qabel bdiet is-separazzjoni kien jgħidilha ta' spiss biex iġġib raġel jew mara d-dar biex jaraha tagħmel l-atti sesswali magħhom quddiemu u baqgħet issib l-evidenza li kien imur ma' nisa oħra. Tirrakkonta meta darba kif ġiet lura minn ta' billejl kien ċemplilha u qalilha li kien ħareġ mal-lejl u tkessaħ ma' tim tar-rugby li mbuttawh it-taraġ u nqalalu x-xedaq ta' isfel u kellu jiġi operat. Tispjega li kemm-il darba ħalla t-tfal weħedhom biex ħareġ waqt li hi tkun xogħol ta' bil-lejl u darba anke ħalla t-tifel ta għaxar (10) snin barra wara li bagħtu l-bandli mbagħad ma fetaħlux.

Tkompli li damet tlieta u għoxrin (23) sena miegħu għaliex kienet tħobbu u kienet iġġib quddiem għajnejha lit-tfal kemm ibgħatu mingħajr missier u kienet timmaġina li ser jinbidel. Tgħid li t-tifla l-kbira kienet ħaditha kontriha li kienet tagħlaq għajnejha u taħfirlu. Tgħid li fl-2012 kien ammetta magħha li kien ma' mara oħra u keċċietu mid-dar u telaq bi ħwejjġu iżda kien imur kuljum biex jiekol. Tgħid li kien qalilha li, li tatu din il-mara f'xahar hi qatt ma tatulu. Tkompli li għalkemm kienet ser tibda s-separazzjoni wara xagħrejn mar lura u ħafritlu.

Tispjega li fl-2017 iddeċidiet li tkompli bl-istudju tagħha u bdiet taħdem fis-settur tal-edukazzjoni filgħodijiet biss u ħasbet li dan ser jgħin ir-relazzjoni tagħhom iżda tgħid li baqgħet issib ix-xagħar isfar mal-ħwejjeġ u kien jgħajjarha *colour blind* u jgħidilha li x-xagħar kien fil-fatt iswed. Tgħid li kienet sabitlu messaġġi minn nisa oħra u li kien joħroġ ma' iktar minn waħda fl-istess ħin. Tgħid li affaċjatu u reġa' telaq mid-dar u kien imur id-dar biex jinħasel.

Tiddeskrivi mbagħad għadd ta' inċidenti li seħħew għaliex wara li bdew is-separazzjoni bonarja f'Awwissu 2017 hija kienet għamlet xhur sħaħ ma toħroġ xejn filwaqt li kompliet l-istudji tagħha. Meta mbagħad bdiet toħroġ ftit reġa' beda l-inkwiet għaliex il-konvenut ma aċċettax li kienet qed terġa' tipprova tibni ħajjitha. Tispjega x'ġara nhar is-27 ta' Mejju 2018 meta kien ħa lit-tfal għall-aċċess u żammhom sal-11.30pm fejn mar lura bit-tifel imbenġel u jgħajjru iblah wara li t-tifel kellu siequ tuġgħu u ma felaħx jimxi u ried imur id-dar. Tgħid li dakinhar beżgħet minnu għaliex kellu riħa ta' xorb taqsam u ma kienx f'sikktu. Darb'oħra ġab il-karozza *total loss* iżda kien irrifjuta li mur l-isptar għaliex qalilha li kien għamel użu mill-kokajina.

Tgħid li mbagħad bdiet il-manipulazzjoni, provokazzjoni u intimidazzjoni minn naħa tal-konvenut. Tgħid ukoll l-attriċi li beda jiffolowjaha, jirrekordjaha u jiffilmjaha f'wiċċha. Tgħid li

kien ukoll jirraportaha għal xejn b'xejn u jigdeb fuqha u jirredikolaha ma' sħabu. Kien ukoll jheddidha. Tgħid li kien anke sawwat lit-tifel u tefaha ġo għalqa u spiċċat l-isptar. Kien imur anke meta kellu Ordni ta' Protezzjoni biex ma jersaqx lejha u lilha u lit-tfal daħħalhom f'biża kbir. Tgħid li bdiet tirrapportah u bdew il-vendikazzjonijiet fejn anke ħareġ arma b'ponta quddiem it-tfal, beda jeħodilha r-ritratti anke fil-kamra tal-banju, igaralha l-ikel, iħalli *recorders* id-dar u anke jċempel lill-avukat tagħha. Tgħid li l-pulizija rreferewha mal-*Victim Support Unit* u ġieli saħansitra għamlet erba' (4) rapporti f'ħames (5) siegħat kontrih. Ġieli kienet titlaq bit-tfal torqod għand ommha u darba anke kellha tmur bil-pulizija tiġbor ħwejjiġha mid-dar. Tgħid li kien anke qabeż fuq il-*bonnet* tal-karozza tagħha u f'Lulju 2018 tirrakkonta kif prova jtellef eżami lil ibnu stess.

Tkompli kif kien iġibilha ħajjitha miżerja jidħol fuqha f'nofs ta' lejl itiha l-qtajja, jqajjimha, jpejjep bl-irmied jaqa' ġol-basket tagħha, joħdilha l-mobile, jikkuntatja lill-*contacts* tagħha *etc*. Meta kienu jargumentaw kienet tgħid lit-tfal jidħlu f'kamarthom u huma minflok kienu jippruvaw jifirduhom u l-konvenut kien jaqbad jgħajjat li qed tweġġgħahom hi. Kien iħalli *airconditioners* mixgħulhin biex itella l-kontijiet u anke jċempel mit-telefon tad-dar għal fuq mobiles biex jiġiha kont ogħli.

Darba oħra iddiskonektjalha xi plugs mill-karozza u bil-ħniena waslet id-dar u ġietha spiża biex sewwietha għax imbagħad tatha l-problemi. Hija għamlitlu rapport l-għassa u ċemplilha jheddidha għax marret l-Appoġġ u daħlet f'xelter u avżatu b'dan. Beda mbagħad jheddidha li ser ibiegħ kollox mid-dar u rraportaha li ħalliet tifel min ġox-sheler isawwat lit-tifel tagħhom u ma ħaditx azzjoni u xewwex lil G kontriha u qalilha li abbandunatha meta kienet għażla tat-tifla li ma tmurx ix-xelter ma' ommha. Kien iċemplilha kuljum, kull ħin. Darba mbagħad sabha d-dar għand ommha u ħadilha t-tfal u rrikattaha li ser isiefer bihom u ma ssibux.

Aċċettat imbagħad li tmur lura d-dar bil-patt li jħalliha kwieta iżda fil-fatt tgħid li iktar qabad magħha. Wara inċident fejn amministra xi primli lit-tifla meta din ma setgħetx teħodhom, bdew jinstemgħu kawżi kontrih quddiem il-Qorti fejn ġie żgumbrat mid-dar u inħarġet ordni ta' protezzjoni għall-sitt (6) xhur. Tgħid li hemm xewwex lil G kontriha fejn qalilha li rebħet il-kawżi għax qagħdet tibki u li mhux ħa tħallih jara lit-tfal u din tħassritu u marret tgħix miegħu. Tgħid li din għamilha bi skop biex tgħinu fil-ħlas tal-kera u xirjiet. Huwa kiser l- ordni ta' protezzjoni kemm-il darba.

Tispjega li waqaf iħallas il-kontijiet u kellha tibda tħallas il-*loan* weħedha bl-*insurances* b'kollox u l-kontijiet tad-dawl u ilma. Kellha tħallas ukoll ta' *airconditioner* li ġiegħel lit-tifla tagħmel waqt li hi kienet ġo *home*. Tgħid li sadanittant kien imur jipparkja fl-għelieqi biex jiffolowjaha flimkien mal-*partner* tiegħu. It-tfal kienu jindunaw bih. Ħalltilha wkoll l-ilma mal-petrol darbtejn fil-karozza għaliex sakemm kienet il-*home* ħadilha s-*spare key*. Tkompli tirrakkonta iktar inċidenti li ġraw bejniethom fejn il-konvenut kien jgħajjar, jhedded u jeżerċita vjolenza fuq l-attriċi anke quddiem it-tfal. Tixhed ukoll kif prova jdaħħal il-mibgħeda bejn D u G.

Dan kollu sakemm f'Lulju 2019 wara inċident ieħor kien sarilha *risk assessment* u peress li ġie *high* bagħtuh il-*lock up* u tellgħuh b'urġenza l-Qorti. Minn dakinhar tgħid li ma baqax jiffolowjaha iżda beda jippika fuq il-manteniment.

Tippreżenta wkoll diversi provi dokumentarji fosthom:

- Akkużi kontra l-konvenut;
- *Case summary* ta' G u dokumenti mediċi ta' F li juru li jbatu bl-*asthma* u dokumenti oħra mediċi ta' I;
- Kopja ta' messaġġi tal-konvenut ma' nisa oħra u ritratti li allegatament juru li kien qed jikkommetti adulterju;
- Ritratti dwar l-aġir tiegħu;
- Ritratti li juru l-istat li ħalla d-dar qabel ġie żgumbrat.

In kontro-eżami[9] terġa' tispjega l-inċident ta' meta wara li mar jiċċelebra elezzjoni kien mar lura d-dar fis-sakra u kien vjolenti magħha u tinsisti li kien inċident ieħor meta sakkritu fil-gallerija u mhux dakinhar u tgħid li hi ma kienet għamlitlu xejn dakinhar. Tispjega li kienu qablu li l-paga tiegħu tibda tidħol fil-kont tagħha biex tkun tista' tikkontrolla ftit għaliex hu kien jonfoq bl-addoċċ u ma kien ser ikollhom xejn. Tgħid li t-tifla l-kbira kienet teħodha kontriha li ma telqitx mid-dar iżda li G dejjem kienet ixxaqleb lejn missierha u tipprova taħbilu meta anke hi u oħtha kienu sabulu xi messaġġi ta' nisa oħra. G kienet tgħid lil D biex ma turihomx lil ommha għax dak jibqa' missierha. Dwar it-tifel tgħid li kien qed jagħtiha ħafna problemi u tgħid li I iż-żgħira taħseb li magħha tgħid mod u ma' missierha mod ieħor.

Tispjega x'kien ġara fiż-żmien meta l-konvenut ma kienx qed jara lit-tfal u beda jgħidilha li jrid jarahom u sabitu barra l-iskola fejn kienet taħdem u dakinhar marru flimkien u qagħad mat-tfal Kennedy Grove u mbagħad bdew jitolbuha li jmorru għandu u hi bdiet tgħidilhom li ma jistgħux ħabba l-ordni ta' protezzjoni iżda G bdiet tgħidilha li dak missierhom u ċediet u marru u raqdu għandu għax hekk ried. L-għada marru lura d-dar. Tgħid li l-konvenut imbagħad beda jipprova jgħid lil G sabiex tikkonvinċi lil ommha jerġgħu jirranġaw. Tgħid kif spiċċa aggrediha u heddidha għaliex ma riditx li jerġgħu jirranġaw. Qalilha li ser jitlaq il-*partner* tiegħu iżda hi qaltlu li hi qiegħda kuntenta. Tiġi mistoqsija qaltlux li issa sabet it-tgawdija u l-attriċi tirrispondi li l-konvenut kellu ħafna relazzjonijiet iżda issa ma jridiex tgħix ħajjitha.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:*

[9] Seduta tat-18 ta' Novembru 2021 a fol. 2493.

a. *<u>Affidavit ta' D B preżentat fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2020.</u>*[10] fejn hija tgħid li minn meta kienet żgħira taf lill-ġenituri tagħha jargumentaw ta' spiss. Tgħid li missierha kien jixrob u jitlaq il-barra meta ommhom kienet tkun xogħol bil-lejl u jħallihom reqdin weħedhom id-dar. Tgħid li hi stess sabet diversi chats ma' nisa oħra fuq il-mobile u fuq Skype.

   Fil-fatt tgħid li l-argumenti kienu jinqalgħu meta ommha kienet issib affarijiet li minnhom kienet tinduna li missierhom qed jaqlibielha u tikkonfrontah u jirvilla, jsawwatha u jgħajjarha miġnuna avolja kien ikollha provi ċari ta' dan. Issemmi l-inċident li xehdet fuqu ommha l-attriċi fejn daħħal arma bil-ponta mill-bieb tal-kamra fejn fiha kien hemm ommha u kienet hi li ħarġitha mill-bieb u ħaditilu. Tgħid li hi stess kienet tidħol bejniethom meta kien ikun ser jerfa' idu fuq ommhom. Tgħid li meta kienet żgħira hi kienet tħobbu lil missierha għax kien iħalliha tagħmel li trid imma meta kibret indunat li kienet ommhom li dejjem ħadet ħsiebhom u kienet iżżommilhom id-dixxiplina għaliex riedet li jimxu fit-triq it-tajba. Tgħid li ommha dejjem ħadet ħsieb kemm xogħol tad-dar u edukazzjoni tagħhom. Indunat kemm ommha kienet bagħtiet miegħu u kemm ma kellux rispett għalihom u wisq inqas għal ommhom.

   Tirrakonta kif darba kienu f'lukanda u xorob sew u ħareġ jgħajjat fil-gallerija fejn anke tal-lukanda stess wissewh biex jieqaf. Meta ommhom qaltlu biex ma jixrobx iktar umiljaha quddiemhom u lix-xhud qalilha li jagħmlilha sew jaqlibilha lil ommha. Tgħid li kienet tħossha ħafna meta ommha kienet tmur għandha b'ħutha u tarahom jibku u

[10] Fol. 1834.

jirrakkontawlha x'għamel u ħasitha ħafna meta ommha kellha tmur *shelter*.

Tixhed ukoll dwar l-inċident meta hija argumentat ma' oħtha u missierha xewwixha kontra ommha.

b. *Ix-xhieda ta' G B, ossia bint il-partijiet, fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2021*[11] li tispjega li hi tirrisjedi iż-Żurrieq ma' missierha u ilha tgħix miegħu madwar xahrejn. Hija tgħid li marret tgħix ma' missierha għax peress li taħdem mid-dar ikollha bżonn il-kwiet u d-dar ta' ommha jkun hemm daqsxejn storbju minħabba ħutha ż-żgħar. Tgħid iżda li r-relazzjoni tagħha maż-żewġ ġenituri hija waħda tajba.

Tkompli li hi rat kollox iseħħ bejn il-ġenituri tagħha, il-konfronti u kollox u kienet tħossha qisha pupu fin-nofs. Tgħid li kienet għażla assolutament tagħha li titlaq mid-dar speċjalment wara li kien qed ikun hemm ħafna ġlied bejn ommha u ħuha ż-żgħir H. Tgħid li ħuha kien daqsxejn għażżien u kien jinqala l-ġlied meta tgħidlu biex jagħmel xi ħaġa fid-dar. Dawn tfisser għalhekk li kienu każi fejn l-omm kienet tkun qed tiddixxiplina lil binha iżda għalkemm hu jgħid li ġieli ommu sawwtitu, ix-xhud tgħid li hi qatt ma rat xejn. Tgħid li kellu tbenġila 'l hemm u 'l hawn minn fejn kienet tiġbdu.

c. *Xhieda ta' Doris Vella Cassia, rappreżentanta minn Mater Dei fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2020*[12] li tippreżenta kopja tal-file mediku tal-attriċi;

d. *Xhieda ta' Mirae Block, ħaddiema soċjali mit-taqsima tal-Vjolenza Domestika fl-Aġenzija*

[11] Fol. 2459.
[12] Fol. 1724.

*Appoġġ fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2020*[13] li tippreżenta rapport li jirrifletti x-xogħol li sar ma' l-attriċi mit-8 ta' Awwissu 2018 sa l-10 ta' Marzu 2020 u *ċioé* meta hija kellha l-ewwel kuntatt mal-Aġenzija u mbagħad meta minn hemm daħlet l-ewwel darba fix-xelter u meta ħarġet u kompla l-kuntatt.

e. *Xhieda ta' Elaine Pavia, rappreżentanta minn Dar Merħba Bik fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2020*[14] li tgħid li hija taħdem f'waħda mill-faċilitajiet tal-Fundazzjoni Dar Merħba Bik. Tgħid li fil-11 ta' Awwissu 2018 irċevew telefonata mit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ li kien hemm familja li kellha bżonn kenn temporanju minħabba ċirkostanzi ta' vjolenza domestika. Il-każ kien ta' l-attriċi u ż-żewġt itfal iż-żgħar tagħha F u I. Tgħid li l-attriċi kienet għaddejja minn proċess ta' separazzjoni u kien hemm ħafna biża minħabba inċidenti li seħħew fil-passat. Tgħid li aċċettaw il-każ tagħha u għamlet ġod-dar bejn wieħed u ieħor xahar.

f. *Xhieda ta' PC1357 Branton Gilford fis-seduta tal-21 ta' April 2021*[15] li jippreżenta r-rapporti li saru mill-partijiet kontra xulxin fid-distrett ta' Raħal Ġdid li jinkludi Ħal Tarxien, il-Fgura u Ħal Luqa u l-fedina penali tagħhom;

g. *Xhieda ta' Joyce Agius, rappreżentanta mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2021*[16] fejn tippreżenta kopja ta' sentenza fil-konfront tal-konvenut fejn huwa ammetta u weħel

[13] Fol. 1726.
[14] Fol. 1742.
[15] Fol. 2257.
[16] Fol. 2394.

emenda u kopji ta' tliet kawżi oħra li ġew irtirati mill-*parte civile*, verbal redatt mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera fejn kawża kontra l-konvenut ġiet deżerta fit-12 ta' Novembru 2019 u fl-aħħar nett sentenza mogħtija kontra l-konvenut fid-19 ta' Ottubru 2018 mill-Qorti Kriminali fejn huwa weħel fuq żewġ akkużi.

*<u>Il-verżjoni tal-Konvenut u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Attriċi:</u>*

Il-konvenut jixhed dwar dan fis-seduta tal-15 ta' Frar 2023[17] u s-seduta tat-23 ta' JEar 2024[18] fejn jgħid li l-attriċi nqabdet tqila meta kienu għadhom għarajjes u ommha kienet ħaditha bi kbira għaliex ma kienux miżżewġin u għalhekk l-attriċi kienet marret toqgħod magħhom, għand ommu u żżewwġu fil-15 ta' Diċembru 1995. Jispjega li għamlu qisu sena jgħixu għand ommu, meta mbagħad marru jgħixu għand ommha għaliex l-attriċi ma bdietx taqbel ma' ommu. Wara ftit taż-żmien mbagħad bdew jikru Wied il-Għajn. Jgħid li hemmhekk beda jidher ċertu wieħed K M, mlaqqam il-*Jajju* li bdew jinzertawh kull fejn ikunu. Jgħid li meta għalqet sena D, l-attriċi qaltlu li kellha *affair* ma' dan M. Jgħid li qalilha li ser jaħfrilha għax dak iż-żmien it-tifla kienet għada żgħira u komplew biż-żwieġ.

Ikompli li mbagħad kellhom lil G u l-attriċi bdiet tgħaġġlu biex jixtru post. Jgħid li hu kien iħoss li għadhom żgħar iżda jgħid li martu ġiegħlitu u fil-fatt ħadu *loan* u xtraw post Sta Lucia u karozza ġdida. Jgħid li dak iż-żmien l-attriċi kienet taħdem l-SGS. Jilmenta li kien jgħidilha biex joħorġu darba fix-xahar mingħajr it-tfal iżda hi ma kinitx tkun trid iżda mbagħad meta kien ikollha ħruġ tax-xogħol kienet tmur u ddum sal-ħamsa jew is-sitta (5-6am) ta' filgħodu. Jgħid li f'waħda minn dawn l-istanzi kienet irritornat fis-sakra u kellu jinżel għaliha isfel hu wara li kienet wasslitha d-dar ħabiba tagħha u kellha t-*tights* kollu mqatta' u tbenġila fil-warrani. Jgħid li ftit wara li qiegħda

[17] Fol. 2602.
[18] Fol. 2658.

fis-sodda bdew deħlin messaġġi fuq il-mobile tal-attriċi fejn din il-persuna bdiet tistaqsiha kienitx ħadet pjaċir u hu fehem li l-attriċi kienet qed taqlibielu ma' din il-persuna għalkemm martu bdiet tgħid li dan kien ir-raġel ta' oħtha li kien *bouncer* Paceville.

Minkejja dan jgħid li komplew bil-ħajja tagħhom fejn f'dak iż-żmien kien għad kellhom żewġt itfal. Jgħid li qagħad għax beda jġib it-tfal quddiem għajnejh. Jgħid li sakemm iżżewwġu kienu l-koppja ideali iżda wara li żżewwġġu l-affarijiet inbidlu u anke l-komunikazzjoni ta' bejniethom bdiet tispiċċa. Ikompli jispjega li anke l-ħajja sesswali ta' bejniethom bdiet sejra lura sew. Jgħid li ma kienux jiddixiplinaw lit-tfal l-istess u li mhux l-ewwel darba li l-attriċi refgħet idejha fuq it-tfal.

Huwa jispjega li meta bdew jiġru dawn l-affarijiet kellu *contact* ta' mara oħra u beda jkellimha bil-messaġġi. Jgħid li l-attriċi kienet sabet il-messaġġi u bdew is-separazzjoni. Jgħid li kien għadu d-dar dak iż-żmien u l-attriċi qaltlu li kienet bdiet toħroġ ma' ġuvni ta' disgħa u għoxrin (29) sena. Jgħid li mbagħad għamlet ħabta toħroġ fil-*weekends* u tidħol l-għada filgħodu u toqgħod tgħidlu xi jkunu għamlu flimkien u li hu ma jagħthiex il-pjaċir li jagħtiha dan il-*partner*. Jgħid li ġieli kien jitlaq il-barra u jħalliha tgħid imma li darba meta prova jitlaq kienet ħatfitu minn idu u nsistiet li jmorru jitkellmu weħedhom u daħħlitu fil-kamra tas-sodda u sfurzat lilha nnifisha fuqu. Jgħid li meta bdiet tneżżgħu kontra l-volontà tiegħu qalilha li hu lill-*partner* tiegħu jħobb mhux lilha u hemm infaqgħet tibki u mbuttatu u keċċietu 'l barra.

Jgħid li mbagħad sar jaf li l-għarus tagħha kien wieħed Tork u nsista magħha li l-importanti li ma jersaqx id-dar u li t-tfal ma jaraw xejn. Meta mbagħad f'Ottubru 2018 ġie żgumbrat mid-dar jgħid li hu u t-tfal ma riedux jemmnu li ommhom setgħet iddaħħal il-*boyfriend* id-dar meta hu kien żgumbrat u għalhekk hu u G iddeċidew li jagħmlu *recorder* id-dar u bdew jisimgħu kull ma bdiet tagħmel martu mal-*partner* tagħha ġewwa d-dar.

Jispejga dwar dakinhar li waqt li kellhom l-ordni ta' protezzjoni l-attriċi ġiegħlitu li jmorru jitkellmu fil-karozza x'imkien fejn ma jarawhomx in-nies u xtrat flixkun inbid u qasmuh u kellhom anke x'jaqsmu flimkien u ddeċidew li jibdew jerġgħu jippruvaw jirranġaw l-affarijiet ta' bejniethom. Ikompli billi jirrakkonta l-inċident ta' meta marru Kennedy Grove. Huwa jgħid li l-attriċi offrietlu biex jara lit-tfal wara li kien ilu 'l fuq minn sena ma jarahom u marru Kennedy Grove. Kielu flimkien u qagħdu jilgħabu u jgħid li t-tfal imbagħad bdew jibku biex jorqdu għandu iżda l-attriċi qaltlu li jorqdu biss jekk tmur hi wkoll. Jgħid li hu ma xtaqx għaliex kellu *partner* iżda t-tfal F u I bdew jibku u hu ċeda u wara li ħa permess mill-*partner* marru jorqdu għandu. Jgħid li ċempel lil G u din meta qalilha verament ħadet gost u qabdet tal-linja u marret għandhom ukoll. Jgħid li l-attriċi riedet tagħmel li trid hi u saħansitra kkapparrat is-sodda kollha għaliha u hu u t-tfal kellhom jorqdu fuq is-sufan. Jgħid li l-għada kellu jwassal lil G ix-xogħol u jixtru x'jieklu iżda hi ma riditix tmur magħhom u għalhekk hu u G kellhom iġorru l-basktijiet fejn kellu l-evidenza tal-Qorti magħhom u s-*safe* sakemm irritornaw lura. Jgħid li mbagħad reġgħet insistiet li hi torqod fuq is-sodda u filgħaxija qaltlu jmur ħdejha u reġgħu kellhom x'jaqsmu flimkien iżda filgħodu jgħid li qaltlu li bejniethom ma jista' jkun hemm xejn għax hi l-ħajja ta' tgawdija togħġobha. Jgħid li dakinhar weġġa' ħafna u qalilha li użatu bħal biċċa tal-art. Ikompli kif iktar tard kienu qed jitkellmu fil-karozza u hu qalilha li ma jistax jisfurzaha tkun miegħu iżda talabha li ta' lanqas ikunu ħbieb b'rispett tat-tfal. Jgħid li qalilha li ma riedx gideb u hemm semma l-Zakar, it-Tork, u qalilha li għandu r-*recording* tagħha miegħu u jgħid li f'dak il-mument martu qabdet il-mobile u bdiet ixxejjru ġo wiċċu u hu qabdilha l-mobile u tefgħu fl-għelieqi. Jgħid li telqu jiġru għall-mobile u ħatfitu mill-flokk u tgerbet ġo niżla. Jgħid li mbagħad telaq jagħmel rapport wara li ra li telqet 'l hemm. Jgħid li mbagħad bagħtuh il-klinika u hemm sab lill-attriċi u lit-tifla l-kbira magħha u dak il-ħin it-tifla D ħatfitlu l-mobile u qaltlu li ma kienx ser jieħu l-mobile lura qabel ma jtiha ta' ommha. Qal li dak il-ħin l-attriċi bdiet tgħajjat u theddu u toffendih u mill-

klinika ċemplu l-Pulizija li marru hemm.  Jgħid li minn dakinhar ma kien hemm l-ebda kuntatt bejniethom.

Jgħid ukoll li dakinhar tat-tieġ tagħhom kien il-każin mal-familjari tiegħu u kien xurban u kellhom imorru n-nies jgħidulu li l-mara qed tistennih fuq l-artal.  Jgħid li hu ma xtaqx jiżżewweġ ta' bil-fors iżda mbagħad ladarba żżewweġ biddel ħajjtu u beda jirsisti għall-familja.

Fil-kontro-eżami[19] jinsisti li G kienet għamlet *recorder* meta hu kien żgumbrat mid-dar għaliex ommha kienet tinsisti li m'għandha lil ħadd.  Dak iż-żmien G kienet tgħix ma' missierha iżda kienet tmur spiss għand ommha. Mistoqsi jekk dan ir-recording ġiex preżentat, jgħid li ma tħalliex jippreżentah il-Qorti.  Jgħid li l-attriċi qaltlu li jekk iġib ruħu sew jistgħu jiftehmu bejniethom biex jibda jara lit-tfal.  Jikkonferma li dakinhar li marru Kennedy Grove l-attriċi qagħdet ftit fil-ġenb biex il-konvenut ikollu *quality time* mat-tfal.  Jiċħad li fl-inċident li seħħ imbagħad bejniethom meta wassal lura lit-tifel F għand ommu wara nofsinhar ta' l-għada, l-attriċi kienet ġarrbet diversi ġrieħi għax hu kien tefgħaha fl-għelieqi.  Jaqbel li hu nstab ħati ta' vjolenza domestika.  Jiċħad li hu kellu problema ta' xorb waqt iż-żwieġ.

*Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:*

a. *<u>Xhieda ta' G B, ossija bint il-partijiet mogħtija fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2024[20]</u>* fejn tgħid li hi dejjem kellha relazzjoni tajba maż-żewġ ġenituri u li qatt ma kienet iżżomm ma' naħa jew ma' oħra iżda kienet tipprova żżomm newtrali u tisma' liż-żewġ naħat.  Tgħid li dan iżda ma tantx kien jinżel sew ma' ommha għaliex ommha kienet tkun trid li hi taqbel magħha.  Tgħid li wara s-separazzjoni ma

[19] Seduta tat-2 ta' Ottubru 2024 a fol. 6703.
[20] Fol. 2668a.

tantx baqgħet *close* ta' ommha u meta telqet middar tgħid li ommha bdiet tgħid li qed tigdeb fuqha u tikxifha ma' missierha u xxewwex lil ħuha kontriha mentri tgħid li t-tfal daru kontra ommhom minħabba d-deċiżjonijiet li bdiet tieħu hi u *ċioé* tgħidilhom kontra missierhom, tgħid li mhux missier tajjeb għalihom *etc*. Tgħid li ommha kienet theddidha li ser taqtalha l-internet meta hi kienet għadha tibda xogħol u kienet fi żmien il-*probation*. Tkompli li mbagħad qabdet tippakjalha kollox u tefgħatilha kollox 'il barra u hi marret tgħix ma' missierha.

Issemmi wkoll inċident li seħħ bejn ommha u ħuha F fejn hi rathom jiġġieldu u jgħajjtu ma' xulxin u fejn ommha tefgħet lil ħuha 'l barra għalkemm kien liebes biss *boxer shorts* u ma ħallietu jieħu xejn miegħu. Tgħid li qaltlu wkoll li jekk taqbad ittih lanqas il-pulizija ma jagħrfuh. Qalet li hi bdiet tirrekordjahom u qabdet iċ-ċwievet u ħarġet warajh. Hemm ommha bdiet tirrabja għaliex qaltilha li kienet taf li ser tieħdu għand missierha. Ix-xhud tgħid li qaltilha li la tefgħetu 'l barra ma jimpurtahiex fejn imur u li hi ma kinitx ser tħallih joħroġ barra fit-triq. Tgħid li ommha mbagħad bdiet tiġbdu biex jerġa' jidħol ġewwa u bdew jerġgħu jargumentaw.

Issemmi wkoll iż-żmien ta' Mejju tas-sena ta' qabel meta kienet marret toqgħod għand ommha għaliex kienet għamlet operazzjoni. Tgħid iżda li anke hawn inqala' ħafna ġlied għax meta marret lura u ovvjament ma setgħetx titbaxxa *etc*. ommha kienet tefgħetilha l-affarijiet tagħha ma l-art minn ġol-basket tal-isptar u ħadet lura l-basket li kienet sellfitha hi biex tmur toqgħod għand il-*boyfriend* li kellha. Qalet li oħtha kienet tgħinha billi ttiha

tixrob, taħsilha *etc* u tgħid li ommha ħallietha *weekend* weħedha mal-qattusa. Tgħid li mbagħad kellhom ġlieda oħra magħha u ma' oħtha u ommha bdiet tagħmel kif kienet tagħmel ma' missierhom u *ċioé* "*tgħajjat ma' wiċċi, tappunta subgħajha ma' snienha, li kieku jekk taqbdek toqtlok*".[21] Tispjega li għalkemm kienet għada żgħira meta l-ġenituri tagħha kienu jiġġieldu bejniethom, hija tiftakar li ommha kienet tmur f'wiċċ missierha tgħajjat u ttajjar il-bżieq f'wiċċu. Kienet ukoll twerwer lil ħutha tiġri warajhom bil-kuċċarun. Tgħid li missierha kien jibqa' kalm f'dawn il-mumenti u hi kienet iktar "*tinkazza*" u hu jiġi iktar feroċi. Ix-xhud tgħid li ommha kienet tgħidilha li ma telqitx lil missierhom qabel biex ma jikbrux mingħajr missier, mentri għamlet żewġt itfal oħra miegħu u "*Kieku verament kienet imdejjaq kien titilqu qabel u ma taghmilx żewġt itfal ohra u tghaddina minn dak il-martirju kollu*!"[22]

In kontro-eżami fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2024[23] tgħid illi meta missierha kien ġie żgumbrat mid-dar kienet marret tgħix għal xi xhur miegħu u marret lura wara li kellha argument ma' missierha iżda li għalkemm għal xi żmien ma kinitx titkellem ma' missierha, hija ma telqitx speċifikament għalhekk. Tikkonferma li kellha bżonn l-assistenza tal-pulizija biex tieħu l-ħwejjeġ lura għand ommha għaliex hi ma kinitx issuq u ommha ma setgħetx tersaq lejh minħabba l-ordni ta' protezzjoni.

Hija tinsisti li d-dar il-ġenituri tagħha kienu jagħmlu l-affarijiet nofs bin-nofs u bħal ma ħadet ħsiebhom

[21] Fol. 2668b.
[22] Fol. 2668c.
[23] Fol. 6709.

ommhom kien jieħu ħsiebhom missierhom u li meta ma attendiex attivitajiet tagħhom kien għaliex ma setax jieħu *leave*. Hija tiċħad li qatt rat atti ta vjolenza minn missierha fuq ommha.

*<u>Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**[24], fejn il-Qorti tgħid dwar iż-żwieġ illi: "*25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*"

F'każ illi tali żwieġ ma jirnexxix għal raġuni jew oħra, Artikolu 36 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59."*

Il-liġi tkompli billi tispeċifika raġunijiet li għalihom wieħed jista' jitlob firda taż-żwieġ. Speċifikament ta' interess għal dan il-każ huma Artikolu 38 u Artikolu 40 li jgħidu kif ġej:

*"38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."* u

*"40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba* ***eċċessi, moħqrija, theddid*** *jew* ***offiżi gravi***

[24] Deċiża fit-30 Ottubru 2015.

*tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment: Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkungħamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Kif qalet il-Qorti fil-kawża **Marthese Vella *pro et noe* vs George Valla** deċiża mill-Prim Awla fit-28 ta' Frar 2003 *"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni* ***l-episodji saljenti tal-hajja konjugali*** *u mhux incidenti ta' importanza minuri"* Tkompli billi tikkwota s-sentenza fl-ismijiet **GiovEa Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia**[25] *"La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (llum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…"*

Tgħid il-Qorti dwar Artikolu 40 fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[26], illi: ***"****Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in*

[25]Deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 1919.

[26]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003, (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).

*kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole* ***non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale****" –* ***"****Elisa Thompson vs Edward Thompson****"*** *(Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);****"***

Għalhekk huwa ben affermat illi l-motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni ikunu *"indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."*[27] Madanakollu kif ingħad hawn fuq m'hemmx il-ħtieġa li jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża mpossibbli *da parti* ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.[28]

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati fl-Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-Sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[29] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[30] ġie ritenut illi fir-rigward ta' **moħqrija**, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".* Mill-ġurisprudenza jidher illi l-kelma 'moħqrija' u s-'sevizzi' jfissru l-istess ħaga.[31] Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**,[32] irritjeniet illi: *"Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge*

---

[27] Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech *et noe* (PA (CC) kollex XXXVII.II.693.

[28] Elisa Thompson vs. Edward Thompson deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925.

[29] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[30] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).

[31] Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).

[32] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 2015.

*s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi "Il-*liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima*".[33] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostitwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **JoEe Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[34] "*il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha*". Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ*".[35]

Dwar it-theddid tgħid il-Qorti *"Illi l-agravju ta' theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bil-ghan li twegga lil parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta."*[36]

Dwar **l-inġurji u offiżi gravi** l-Qrati tagħna jgħidu li "*ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom*",[37] filwaqt li ġew definiti bħala li jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz.

---

[33] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[34] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[35] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[36] Camilleri utrinque deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 1898.
[37] Sentenza fl-ismijiet Marthese Vella *pro et noe* vs George Vella deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003.

Fil-kawża **Camilleri utrinque** il-Qorti kienet qalet*: "Le ingurie, per essere causa di separazzione devono essere gravi e non semplici invettive scambiate reciprocamente dai conjugi quante insieme si querelavano".*[38] F'dan ir-rigward, huwa wkoll notevoli l-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**,[39] li kkwotat is-segwenti: "*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni."*

Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil **<u>eċċessi</u>**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra". (vide A Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza fit-30 ta' Gunju 1961-Prim Awla)*".

Teżisti mbagħad id-distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. Fadda jgħallem illi *"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"*.[40] Mill-banda l-oħra,*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[41] Baudry Lacantinerie jikkonferma illi: *"Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione"*.[42]

---

[38] Ibid.

[39]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).

[40] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.

[41] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.

[42] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-**adulterju** hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[43] . Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li: *"Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza "**Rose Gauci vs Salvatore Gauci**" (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP - Deċiża fl-1 ta' Ottubru 2002) li in vista tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jiġi ppruvat permezz ta' indizzi u ċirkostanzi oħra li ma jħallu ebda dubju fil-ġudikant. Fil-fatt ingħad li:- "... l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta jgħid illi "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet "**Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe**". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l- adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". ("**Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)"*[44]

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern*

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement, il-Qorti

[43] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).
[44] Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna.

tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Matul il-perkors tal-kawża madanakollu, saru diversi allegazzjonijiet minn naħa taż-żewġ partijiet kontra xulxin u x-xhieda taż-żewġ partijiet tikkontradixxi għal kollox ix-xhieda tal-parti l-oħra. Filwaqt li minn naħa l-waħda l-attriċi tatribwixxi t-tkissir taż-żwieġ minħabba adulterju, abbuż, vjolenza, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi minn naħa tal-konvenut, il-konvenut jatribwixxi t-tkissir taż-żwieġ lill-attriċi għall-istess raġunijiet. Il-Qorti għalhekk kellha tgħarbel il-provi b'reqqa kbira biex tislet minnhom il-verità ta' dak li ġara u tikkonkludi x'kienet ir-raġuni li tkisser dan iż-żwieġ.

Il-partijiet jirriżulta li żżewwġu ta' età żgħira ħafna tant li l-attriċi lanqas kien għad kellha t-tmintax-il (18) sena. Fil-fatt fil-bidu taż-żwieġ il-kontendenti lanqas kellhom fejn joqgħodu u għall-ewwel marru joqgħodu għand omm il-konvenut għaliex l-attriċi diġà kienet tqila u jidher li dan ma kienx niżel tajjeb mal-familja tal-attriċi, imbagħad minħabba xi diżgwid, il-partijiet imxew għand ommha. Minn hemm imbagħad bdew jikru post għalihom ġewwa Santa Luċija.

Il-konjuġi għalhekk tista' tgħid qatt ma kellhom ċans jibnu bażi soda għar-relazzjoni tagħhom. Minn qabel iż-żwieġ l-attriċi nqabdet tqila u għalhekk il-focus tagħha kellu jkun ukoll fuq it-tarbija. Barra minn hekk imbagħad bħala koppja miżżewġa lanqas marru jgħixu għalihom u għalhekk il-Qorti tara li din il-koppja tant żgħira li kienet għada qed tikber u tiżviluppa hi stess, kellha tibda trabbi f'ambjent fejn il-familjari kienu kontinwament preżenti. Din il-koppja ma setgħetx għalhekk tikber flimkien u tiżviluppa bejnietha l-maturità neċessarja ta' relazzjoni soda fiż-żwieġ.

Biex tkompli żżid mal-borma, l-konvenut inniffsu jammetti li hu ma kienx preparat għaż-żwieġ tant li ħassu bħal sfurzat u dakinhar tat-tieġ fil-fatt kien xurban ġewwa l-każin u kellhom

imorru n-nies jgħidulu li l-attriċi kienet qed tistennih fuq l-artal.[45] Dan ovvjament qajla juri maturità neċessarja biex wieħed jidħol għall-pass taż-żwieġ. Magħdud ma' dan jonqos li jgħid li kellu l-vizzju tax-xorb, għalkemm dan il-fatt joħroġ ċar anke mill-fatt li dakinhar tat-tieġ stess kien fis-sakra qabel biss bdiet iċ-ċerimonja. Kif tgħid l-attriċi huwa kellu l-vizzji qabel iżżewwġu imma emmnet li kien ser jaqtagħhom.

Fil-fatt minn dan kollu ma seħħ xejn għaliex il-verità wriet illi l-konvenut ma nbidilx wara ż-żwieġ u filwaqt li l-attriċi azzettat id-dar trabbi lit-tfal, il-konvenut ried ikompli jgħix ħajjtu, joħroġ u jdum ljieli barra, anke jippretendi li din l-omm ta' tarbija friska tagħmel l-istess, jitlaq mid-dar u jħalli lit-tfal weħedhom u jqajjem il-frattariji d-dar għaliex jirritorna fis-sakra. Dan kollu l-konvenut ma jinnegahx u fil-fatt ma jagħtix raġuni speċifika għat-tkissir taż-żwieġ ħlief li jgħid li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom u li l-attriċi nqatgħet minn miegħu sesswalment. Fil-fatt il-Qorti tara li komunikazzjoni qatt ma biss kien hemm bejn il-konjuġi għaliex minħabba dak spjegat ma kellhom l-ebda opportunità biex jibnu relazzjoni ta' komunikazzjoni. Il-konvenut bħal donnu jrid jgħid li f'daqqa waħda għamel żball u beda jibgħat messaġġi lil mara oħra fl-aħħar taż-żwieġ.

Ir-relazzjoni kienet fil-fatt ilha ħażina mill-bidu taż-żwieġ, għalkemm il-konjuġi għamlu tlieta u għoxrin (23) sena flimkien u kellhom erbat (4) itfal. Minkejja dak kollu li kienu għaddejjin minnu donnu li l-konjuġi ma setgħux jinfirdu minn xulxin għaliex minn żgħar dak kien biss dak li jafu.

L-attriċi minn naħa l-oħra tispjega fid-dettall u b'mod kredibbli dak li wassal għat-tkissir taż-żwieġ u l-evidenza preżentata issaħħaħ il-verżjoni tagħha. Ċertu dettall li ssemmi l-attriċi juri wkoll illi dawn ma humiex inċidenti ivvintati iżda esperjenzi li għaddiet minnhom hi. Dak li tgħid jirrifletti wkoll sewwa f'dak li jingħad mill-attriċi lill-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ

[45] Xhieda tal-konvenut waqt is-seduta tat-23 ta' JEar 2024 a fol. 2663.

kif rapportat minn Mirae Block, ħaddiema soċjali mit-taqsima tal-Vjolenza Domestika fl-Aġenzija Appoġġ fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2020.[46] Il-Qorti ser tislet xi inċidenti u raġunijiet li hija temmen li kienu l-kaġun li din ir-relazzjoni ma setgħet bl-ebda mod tkompli u li ħtija tagħhom kien l-attur:

1. L-attriċi tgħid li l-konvenut kien tant jixrob li jispiċċa jumiljaha, anke fuq affarijiet personali u jirredikolaha quddiem familjari. Dan il-fatt huwa wkoll ikkorraborat mix-xhieda li tagħti D, t-tifla l-kbira tal-partijiet fejn fl-affidavit tagħha tirrakkonta li kienu f'lukanda l-familja kollha u l-konvenut kien xorob sew u "*ommi qaltlu biex ma jixrobx iktar u beda jgħajjarha u jumiljaha quddiemna u lili qalli nagħmilha sew l'ommok neqlibielha*"[47]

2. Għadd ta' inċidenti fejn l-attriċi tixhed li l-konvenut messha; dawn jibdew minn meta t-tifla l-kbira kellha l-età ta' tliet (3) snin u l-konvenut xorob xarba biex jiċċelebra fi żmien l-elezzjoni u mar lura d-dar u benġilha u mbagħad tgħid li rrealizza x'għamel u ħasilha hu stess; darba oħra quddiem sieħbu huwa ried li jmorru *f'nightclub* u bit-tifla żgħira hija riedet tibqa' d-dar u kien taha daqqa ġo wiċċha u medda ma l-art u kissrilha anke snienha tant li kellha tidħol l-isptar; għadd ta' inċidenti li dwarhom hemm rapporti, preżentati fl-atti, li għalkemm seħħew wara li bdiet is-separazzjoni juru l-animu tal-konvenut u dak li kien kapaċi jagħmel u li anke f'ħafna minn dawn ir-rapporti l-konvenut jidher jammetti ċertu azzjonijiet tiegħu;

3. Fil-kontro-eżamijiet tal-attriċi joħroġ ukoll illi l-konvenut ma kienx qed jipprova jwaqqa dak li qalet l-attriċi bħala fatt li seħħ dwar il-vjolenza, iżda ġew mistoqsija mistoqsijiet biex bħallikieku jiġġustifikaw dak l-aġir minħabba dak li allegatament tkun qaltlu l-attriċi f'dawk iċ-ċirkostanzi;

---

[46] Fol. 1726.

[47] Fol. 1834.

4. It-temperament tal-konvenut jirriżulta wkoll minn sewqan eċċessiv u fil-fatt jiġu preżentati kopja ta' multi li l-konvenut weħel minħabba f'dan, *statement* li taha l-konvenut meta ħabat sew bil-karozza tiegħu,[48] u sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja kif jirriżulta mill-*conviction sheet* tiegħu preżentata fl-atti;[49]

5. Rakkonti tal-attriċi li kien iħalli t-tfal żgħar ġo kamrithom id-dar weħedhom waqt li l-attriċi tkun xogħol ta' bil-lejl u hu joħroġ. Fatt li kien konfermat ukoll minn D fl-istess affidavit tagħha;

6. Ċerta mġieba li ma ġietx fl-ebda ħin kontradetta mill-konvenut li tixhed dwarha l-attriċi kif kien ikun irid sess orali waqt li jsuq u li ftit qabel bdiet is-separazzjoni kien anke jkun irid li ġġib nisa jew irġiel id-dar biex jippartċipaw fil-ħajja sesswali tagħhom;

7. Attitiduni mat-tfal fejn għalkemm huma f'ċertu punti fil-proċeduri jgħidu li jridu jmorru joqgħodu għand il-missier għaliex ommhom tiddixxiplinahom, il-mod li l-konvenut kien jiddixxiplina lit-tfal kien iktar juri li ftit kien jimpurtah id-dixxiplina u jħallihom jagħmlu li jridu biex imbagħad meta jirrabja tassew jiġru inċidenti kif rakkontati mill-attriċi bħal meta rritorna lit-tifel F lura d-dar u "*għollieh u qabdu minn għonqu u kaxkru"*[50] u ta' dan jiġu preżentati ritratti. Jingħad fir-rapport tal-avukat tat-tfal stess tad-9 ta' Marzu 2020[51] illi "*ġieli raw lil missierhom jerfa' jdejh fuq ommhom fil-passat u anke F ġieli qala' xi daqtejn minghandu";*

8. L-attriċi kellha tirrikorri għal-protezzjoni f'xelter għal xahar sħiħ flimkien maż-żewġt itfal żgħar tagħha, minħabba biża mill-konvenut iżda iktar minn hekk ir-*risk assessments* li għamlet l-attriċi dejjem irriżultaw fi score ogħli;

[48] Fol. 1790.
[49] Fol. 2176.
[50] Fol. 1775.
[51] Fol. 1344.

9. Tirriżulta vjolenza fiżika u anke theddid u intimidazzjoni wkoll minn naħa tal-konvenut riflessa fl-ordinijiet ta' protezzjoni li kellhom jinħarġu fil-konfront tal-attriċi u wliedha u s-sentenzi li permezz tagħhom il-konvenut instab ħati ta' vjolenza bl-aħħar waħda, dik tas-6 ta' Lulju 2018, konfermata fl-Appell fit-22 ta' Ġunju 2023 li fiha l-konvenut jinstab ħati u fost l-oħrajn jiġi anke kundEat tliet (3) xhur priġunerija.

Magħdud ma' dan kollu jirriżulta biċ-ċar minn evidenza diversa li ġġib l-attriċi, li l-konvenut kien ħati wkoll ta' adulterju. D, tixhed illi ħafna drabi l-argumenti kienu jibdew għaliex ommha kienet issib affarijiet li kien jidher li qed jaqlibilha u tikkonfrontah bihom. Fil-fatt l-attriċi tul l-affidavit kollu issemmi episodji fejn sabet oġġetti li wrewha li l-konvenut qed jaqlibielha ma' nisa oħra. Hija tippreżenta wkoll kopja ta' messaġġi li juru li l-konvenut kien qed ikollu relazzjonijiet intimi ma' nisa oħra[52] u ritratt li skond l-attriċi juri li kien *foundation* mal-qalziet tal-konvenut.[53] Dan ma jidhirx li qatt ġie kontradett mill-konvenut. D tixhed li hi u G kienu huma stess sabu u raw messaġġi ta' nisa oħra. Il-konvenut stess imbagħad jammetti illi "*Jien kelli contact ma' mara ohra u ..."contact"!, bdejna nitkellmu, messaġġi. A sabet il-messaggi u bdejna s-separazzjoni*."[54] Il-Qorti hija konvinta illi din ma kinitx l-unika istanza li l-konvenut fil-fatt ikkommetta l-adulterju u x-xhieda u l-evidenza li nġiebet mill-attriċi tikkonvinċi l-Qorti illi għalkemm mhix evidenza *inflagrante*, huma *preżunzjonijiet, gravi, preċiżi u konkordanti,* li ma jħallu l-ebda dubju illi fil-fatt il-konvenut kien qed jikkommetti adulterju u li ħafna mill-argumenti kellhom l-għeruq tagħhom f'dan l-aġir tal-konvenut li flimkien mal-vizzju tiegħu tax-xorb ma kienx qed iħallih jiraġuna biżżejjed biex il-komunikazzjoni ta' bejniet il-koppja tkun tista' tissupera l-problemi ta' bejniethom.

---

[52] Fol. 2515

[53] Fol. 2530.

[54] Fol. 2603.

Għalkemm ix-xhieda tat-tifla G tidher ixxaqleb lejn il-missier, sfortunatment jidher li G ġiet affetwata b'mod f'din is-separazzjoni li f'istanzi ixxaqleb lejn naħa u mbagħad tinduna li m'għandiex ħajt tal-kenn u terġa xxaqleb in-naħa l-oħra. Fil-fatt ix-xhieda tagħha hija testment ta' dan. Hija tidher illi ma tridx tweġġa liż-żewġ naħat u għalhekk ma tagħtix wisq dettallji jew tonqos milli tgħid ċerta affarijiet u kultant anke tikkontradixxi lilha nnifisha. Wieħed ma jistgħaġibx b'dan madanakollu għaliex il-missier stess jidher juża lil bintu għall-finijiet tiegħu fejn saħansitra jifthiem magħha biex twaħħal *recorders* madwar id-dar biex jaraw jekk ommha hix qed iddaħħal irġiel id-dar u x'qed tagħmel magħhom. Din l-imġieba tal-missier fil-kofront ta' bintu l-Qorti tikkundEa bl-iktar mod akut. Għalkemm it-tifla ma kinitx żgħira u kienet ormaj ilha tara inċidenti jseħħu, madanakollu li l-missier jasal li juża lit-tifla fl-affarijiet ta' bejnietu u martu b'dan il-mod, il-Qorti tistmerru bil-kbir. Minkejja mbagħad li kemm hu u kemm bintu jinsistu li hemm dan ir-*recording* li jgħidu li juru li l-attriċi kellha relazzjoni adultera, dan ir-*recording* jekk jeżisti, qatt ma ġie preżentat.

Fil-fatt il-Qorti ma tħossx illi rriżulta l-adulterju minn naħa tal-attriċi minkejja li l-konvenut isemmi lil ċertu K M li jgħid li kien ex tal-attriċi u li kienu jsibuh kull fejn imorru. L-ebda evidenza ma tinġieb f'dan ir-rigward. Il-Qorti temmen li meta tkissret ir-relazzjoni l-attriċi daħlet f'relazzjonijiet, iżda dawn ċertament li ma kienux il-kawża tat-tkissir taż-żwieġ.

L-istess kif ma kienx kawża tat-tkissir taż-żwieġ dak li tixhed G dwar l-attitudni ta' ommha li kienet tgħajjat anke kultant f'wiċċ il-konvenut. Il-Qorti temmen li din kienet reazzjoni naturali għal dak li kien qed jiġri u għat-tensjoni li kien qed joħloq il-konvenut. It-tensjoni tal-omm jista' jkun li kienet qed tirrifletti f'ċertu mod kif kienet tiddixxiplina lil uliedha fejn kultant jista' jkun li kienet tgħajjat iktar milli forsi missha għamlet. Hija kienet ukoll dik li tinsisti iktar magħhom biex jagħmlu ċerta affarijiet fid-dar u għalhekk ta' tfal li huma dan jidher li mhux

dejjem ogħġobhom kif jiġi spjegat mill-Ħaddiema Soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fir-rapport tas-26 ta' Novembru 2021[55] u kif jingħad minn G stess li tispjega li ħutha ma kienux ikunu jridu jagħmlu affarijiet id-dar u kien jirriżulta għalhekk ġlied ma' ommhom. G stess tgħid però li hi qatt ma rat lil ommhom issawwat lil ħutha.[56]

Il-Qorti għalhekk hija konvinta li ż-żwieġ tkisser tort tal-aġir tal-konvenut li rriżulta ħati ta' eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront tal-attriċi u ta' adulterju. Il-Qorti tiddetermina JEar tal-2017 bħala d-data li fiha l-konvenut instab ħati għat-tkissir taż-żwieġ.

**3. L-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 48 *et seq.* tal-Kap 16:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attriċi. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

***"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

[55] Fol. 2535.
[56] Fol. 2464.

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***[57]
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".***

Fil-każ odjern, il-konvenut instab ħati ta' adulterju u għaldaqstant, la darba l-Qorti sabet il-ħtija tal-adulterju, m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attriċi f'dan ir-rigward u tapplika s-sanzjonijiet tal-Artikolu 48 *in toto* kontra l-konvenut.

### 4. Manteniment għall-attriċi

Filwaqt li fir-rikors promotur tagħha l-attriċi tagħmel talba għall-manteniment għaliha, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ma baqgħetx tinsisti għall-manteniment mingħand il-konvenut. Il-Qorti xorta waħda rat li l-attriċi dejjem ħadmet u tinnota b'ammirazzjoni li l-attriċi fl-aħħar taż-żwieġ kompliet bl-istudji tagħha u avvanzat tant li bdiet taħdem fis-settur tal-edukazzjoni. It-tfal issa kibru wkoll u għalhekk ma għandiex ostakli biex tkompli taħdem u kwindi l-Qorti ma hix tal-fehma li tingħata manteniment mingħand żewġha.

[57] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

## 5. Kura u kustodja u manteniment tal-ulied

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu erbat (4) itfal li llum huma kollha maġġorenni ħlief għat-tifla ż-żgħira l li llum għandha l-età ta' sittax (16)-il sena. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, ġiet regolata permezz ta' numru ta' digrieti. Jirriżulta għall-Qorti iżda illi għalkemm l-ulied raw ħafna ġlied u ħajjithom kienet mimlija turbulenzi minħabba dak li ġara bejn il-ġenituri tagħhom, huma baqgħu f'ħafna mumenti f'relazzjoni tajba maż-żewġ ġenituri għalkemm jinġibdu 'l hemm u 'l hawn kultant kif jaħsbu li aħjar għalihom.

Minkejja dak kollu li ntqal u ġie deċiż, il-Qorti tara li għadda ċertu żmien anke mir-rapporti tal-professjonisti li dejjem urew li l-ulied jirrispettaw u jħobbu liż-żewġ ġenituri.

Minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli *pro et noe* vs John Portelli**[58] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**[59], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui,*

[58] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċit. Nru: 2668/1996/2RCP.

[59] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.

Għalhekk kif imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD**[60]: *"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""*

*Stante* li l-minuri I ilha għal żmien twil fil-kura ta' ommha u llum għandha l-età ta' sittax-il (16) sena u għalhekk prattikament kapaċi li tieħu deċiżjonijiet għaliha, ikun kompitu inutli li takkorda kura u kustodja konġuntiva għal ftit żmien, meta effettivament din il-minuri ser tkun qed tieħu deċiżjonijiet waħidha dalwaqt, s'intendi dejjem aħjar li tieħu pariri mingħand min jista' jiggwidaha u jixtieqilha l-ġid. Din il-Qorti tara wkoll, illi: (i) ma hemm l-ebda prova li turi li l-minuri ma kinux indukrati u mrobbija sew minn ommhom, jew li l-attriċi ħadet deċiżjonijiet mhux fl-interess tagħhom waqt li qed jgħixu u jirrisjedu magħha; (ii) il-partijiet ma jikkomunikawx bejniethom u hemm ċans li jekk jagħmlu dan jispiċċaw ħażin u (iii) meta l-Qorti tqis il-vizzji li rriżulta li għandu l-konvenut u kif aġixxa b'riżultat ta' dan, għalhekk tara li jkun għaqli li takkorda lill-omm il-kura u kustodja tal-minuri I.

Filwaqt li l-omm għandha tieħu kull deċiżjoni ta' natura ordinarja u straordinarja fil-konfront tal-minuri I, il-Qorti tordna li l-missier għandu jkollu aċċess għal kull informazzjoni dwar l-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri. Il-passaport tal-minuri

[60] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar 2018 (Rik. Gur. Nru 39/17).

għandu jinżamm mill-omm u l-partijiet għandhom jitolbu l-kunsens tal-parti l-oħra jekk jiġu biex isiefru lill-minuri, liema kunsens ma għandux jinżamm mill-parti l-oħra mingħajr raġuni valida.

Dwar l-aċċess il-Qorti tara li wlied il-partijiet dejjem riedu jibqgħu f'kuntatt ma' missierhom u l-Qorti tfaħħar dan. Tenut kont tal-età tal-minuri I, l-aċċess għandu jkun liberu bi ftehim mat-tifla.

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li wliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".***

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Filwaqt li ż-żewġ ulied il-kbar illum għandhom iktar minn tlieta u għoxrin (23) sena, F għalaq it-tmintax-il (18) sena iżda ma jidhirx li għadu qed jistudja fuq bażi *full-time* u għalhekk il-Qorti b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2024[61] laqgħet it-talba tal-konvenut biex ma jibqax iħallas manteniment għalih. Għaldaqstant it-talba tal-attriċi rigward il-manteniment tibqa' relevanti biss għall-minuri I.

L-attriċi titlob arretrati ta' manteniment kif ġej:

1. Manteniment minn Settembru sa' Novembru 2018 meta l-attriċi daħlet f'xelter. Qabel ma daħlet fix-xelter, għalkemm ma kienx ordnat b'digriet, il-konvenut kien jagħti manteniment lill-attriċi li waqqaf meta din daħlet fix-xelter. Fit-28 ta' Novembru 2018 il-Qorti ddegredat illi l-konvenut jibda jħallas lill-attriċi s-somma ta' erba mitt Ewro (€400) għal H u I kull erba' (4) ġimgħat *oltre* nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. F'Diċembru 2018 jirriżulta li ħallas tliet mitt Ewro (€300) minflokk erba mitt Ewro (€400) kif ordnat.

Il-Qorti tqis illi dwar dan il-perjodi hija diġà ddeċidiet u ma ordnatx illi l-manteniment jingħata għall-perjodi ta' qabel Diċembru 2018 u għalhekk għaż-żmien ta' qabel dan id-digriet il-konvenut ma għandux jiġi ordnat iħallas arretrati. Huwa għandu madanakollu jħallas mitt Ewro (€100) li naqas milli jħallas f'Diċembru 2018.

**Il-Qorti qiegħda għalhekk tordna illi l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitt Ewro (€100) li naqas milli jħallas f'Diċembru 2018.**

2. Arretrati ta' manteniment dovuti f'Ottubru 2019 u Settembru 2020, minħabba li jirriżulta li huwa ħallas kull xahar u mhux kull erba' (4) ġimgħat kif ordnat permezz tad-digriet tat-28 ta' Novembru 2018. Permezz ta' digriet tat-2 ta' Novembru 2020, il-Qorti kienet irriżervat li tipprovdi dwar din

[61] Fol. 6720.

it-talba fi stadju ulterjuri. Il-Qorti kienet laqgħet il-bqija tat-talbiet dwar arretrati u varjazzjoni fid-digriet tal-manteniment.

**Il-Qorti qiegħda għalhekk ukoll tordna f'dan l-istadju illi l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tmien mitt Ewro (€800) dovuti għax-xhur ta' Ottubru 2019 u Settembru 2020.**

Il-Qorti, wara li rat l-atti preżentati u wara li qieset li għadda ż-żmien minn l-aħħar digriet ta' manteniment u li l-ispejjeż tal-minuri ċertament żdiedu qiegħda tilqa' t-talba tal-attriċi u tordna li l-konvenut iħallas manteniment fl-ammont ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) għall-minuri l kull xahar, liem manteniment ikun jinkludi nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Illi din il-Qorti tordna illi dana l-ammont għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi salarju, introjtu u/jew benefiċċju li l-konvenut jista talvolta jkun qiegħed jirċievi u għandu jiġi versat direttament f'kont bankarju indikat mill-attriċi. Illi dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas sal-età stipulata fil-liġi u *ċioé* sakemm il-minuri tagħlaq it-tmintax-il (18) sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-età maġġorenni, l-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Jekk il-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha u tkun għada tistudja fuq bażi *full-time*, il-manteniment jitħallas direttament lilha. L-omm tipperċepixxi hi kull benefiċċju li jitħallas għall-minuri inkluż *Children's Allowance.*

6. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

<u>*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*</u>

Il-Qorti tirrileva li ladaraba l-partijiet iżżewġu nhar il-15 ta' Diċembru 1995, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Permezz ta' Sentenza parzjali mogħtija nhar il-21 ta' Novembru 2019, din il-Qorti laqgħet talba tal-attriċi u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16. Din is-Sentenza ma ġietx appellata u għalhekk għaddiet *in ġudikat.* Għalhekk il-21 ta' Novembru 2019 għandha tkun id-data li fiha ġiet terminata l-komunjoni bejn il-partijiet.

Għalkemm l-attriċi talbet għalhekk illi tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti permezz ta' dan ir-rikors, il-Qorti tinnota illi fir-rikors promotur hija ma għamlitx talba biex il-Qorti tillikwida u tiddividi l-istess u l-konvenut ma għamilx kontro-talba b'talba f'dan is-sens. Minħabba f'hekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar il-konsistenza u l-qsim effettiv tal-komunjoni tal-akkwisti.

*Lista ta' assi parafernali tal-partijiet:*

Ma jirriżultawx assi parafernali u għalhekk il-Qorti ma għandiex x'tiddisponi dwar dan.

## 7. Dritt ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali

L-attriċi tagħmel talba sabiex tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien ma' wliedha F u I. Filwaqt li l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' F li huwa issa maġġorenni, tawtorizza lill-attriċi tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri I, *ad esklużjoni* tal-konvenut u dan sakemm l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma definittivament.

**DEĊIDE:**

**Ikkunsidrat dak kollu hawn fuq premess, il-Qorti filwaqt li tiddisponi mit-talbiet ta' l-attriċi u mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut, taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:**

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi fis-sens illi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet, bi ħtijiet attribwibbli lill-konvenut u *ċioé* eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront tal-attriċi u ta' adulterju;

2. Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri I f'idejn l-attriċi b'dan illi hija tieħu kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-ħruġ ta' passaporti, saħħa u edukazzjoni tal-imsemmija minuri filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' F li issa huwa maġġorenni;

3. Tordna li l-imsemmija minuri I tirrisjedi esklussivament mal-attriċi;

4. Tilqa' r-raba' talba f'dak li jirrigwarda manteniment għall-minuri I, u tiċħad it-talba tal-manteniment għaliha u tiddeċiedi dwar l-ammont u l-modalitajiet tal-aċċess għall-minuri skont it-taqsima ħamsa (5) intitolata ***Kura u kustodja u manteniment tal-ulied;***

5. Tilqa' l-ħames talba u tiddeċiedi dwarha skond id-dispożizzjonijiet ta' taqsima ħamsa (5) intitolata ***Kura u kustodja u manteniment tal-ulied;***

6. Tilqa' s-sitt talba u filwaqt li tordna li l-attriċi omm għandha tieħu kull deċiżjoni ta' natura ordinarja u straordinarja fil-konfront tal-minuri I, il-Qorti tordna li l-

missier għandu jkollu aċċess għal kull informazzjoni dwar l-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm mill-omm u l-partijiet għandhom jitolbu l-kunsens tal-parti l-oħra jekk jiġu biex isiefru lill-minuri, liema kunsens ma għandux jinżamm mill-parti l-oħra mingħajr raġuni valida. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba fil-konfront ta' F li huwa issa maġġorenni;

7. Tilqa' s-seba' talba;

8. Tilqa' t-tmien talba u tiddeċiedi dwarha skond id-dispożizzjonijiet ta' taqsima ħamsa (5) intitolata ***Kura u kustodja u manteniment tal-ulied;***

9. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tad-disa' talba *stante* li ma rriżultawx beni parafernali u/jew dotali tal-attriċi;

10. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-għaxar talba;

11. Tilqa' l-ħdax-il talba u tiddeċiedi dwarha skond id-dispożizzjonijiet ta' taqsima numru tlieta (3) intitolata ***L-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kap 16;***

12. Tilqa' t-tnax-il talba u tiddeċiedi dwarha skond id-dispożizzjonijiet ta' taqsima numru seba' (7) intitolata ***Dritt ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali;***

13. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tlettax-il talba f'dan l-istadju;

14. Tilqa' l-erbatax-il talba.

L-ispejjeż kollha a karigu tal-konvenut.